

Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

8186/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0099 (NLE)

AELE 16
EEE 11
N 12
ISL 13
FL 12
MI 275
BUDGET 3
FIN 328

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 204 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 12.02.01 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 204 final.

Mehmuż: COM(2018) 204 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.4.2018
COM(2018) 204 final

2018/0099 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**(Linja Baġitarja 12.02.01 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi
finanzjarji)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà legali meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE fil-Ftehim ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-parteciċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fl-azzjonijiet jew il-programmi tal-UE li huma rilevanti għaż-ŻEE.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet sabiex jippermetti lill-Istati tal-EFTA taż-ŻEE (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein) jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-Linja Baġitarja 12 02 01: "Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji", iddaħħlet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt annessat huwa konsistenti għalkollox mal-għan tal-Ftehim ŻEE li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bilanċjat tal-kummerċ u tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti b'kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, u l-osservanza tal-istess regoli, bil-ħsieb li tinholq Żona Ekonomika Ewropea omoġenea.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt hija wkoll konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-għan li tiġi protetta l-omoġeneità tas-suq intern tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika sostantiva għal din il-proposta tal-Kunsill hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Il-bażi ġuridika proċedurali hija l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94¹ dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE, li jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet bħal dawn, wara proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-SEAE, tippreżenta l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-għan ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6-8.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħha – li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern.

- **L-għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Ftehim ŻEE. Għal dan il-għan għandu jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim.

3. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixu finanzjarjament għall-Bagıt tal-Unjoni, il-Linja Baġitarja 12 02 01: "Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji". L-ammont eżatt jiġi determinat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, ladarba dan l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill jiġi adottat.

4. ELEMENTI OĦRAJN

Skont il-politika baġitarja tal-UE, kull parteċipazzjoni f'attività tal-UE tista' sseħħ biss wara li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti. Madankollu, skont il-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Istati taż-ŻEE-EFTA qed tasal kull sena sal-31 ta' Awwissu, wara s-sejħa għal fondi tal-UE stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea u ppreżentata lill-Istati taż-ŻEE-EFTA sal-15 ta' Awwissu.

Għalhekk, sabiex jimla l-vojt fiż-żmien bejn Jannar u Awwissu, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se jkun applikabbli b'mod retroattiv minn Jannar. B'dan il-mod, il-kontinwità ta' kooperazzjoni, kif previst fil-Ftehim ŻEE, hija żgurata matul is-sena kalendarja kollha.

Ir-retroattività ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni kkonċernati u tirrispetta l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

(Linja Baġitarja 12.02.01 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea², u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-servizzi finanzjarji.
- (5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli għaddejja mill-1 ta' Jannar 2018.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

l-Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni foqasma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

l-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President